**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Josette Demicoli LL.D.**

**(1) Monica Magro (KI 193553(M)**

**(2) Carmen Houlton (KI 812905(M))**

**vs**

**(1) Jesmond Vassallo (KI 050268M))**

**(2) Maria Therese Tabone (KI 259065(M))**

**(3) Mark Vassallo (KI 177570(M))**

**Rikors Numru: 37/2018JD**

Illum 3 ta' Novembru 2021

Il-Bord,

Ra r-Rikors tar-rikorrenti pprezentat quddiem dan il-Bord fit-13 ta' Awwissu 2018 li permezz tieghu ppremettew:

(1) Illi r-rikorrenti huma s-sidien tal-fond Nru 4 gia 121, Our Lady of Sorrows Street, Hamrun, liema fond kien mikri lil Alfred u Emma konjugi Vassallo minn qabel l-1995;

(2) Illi r-rikorrenti kienu fethu proceduri legali kontra l-intimati minhabba li kienu qed jokkupaw il-fond proprjeta' taghhom b'mod illegali u abbuziv wara l-mewt tal-genituri taghhom, l-imsemmija Alfred u Emma konjugi Vassallo, u fejn inghatat sentenza mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-ismijiet Monica Magro et vs Jesmond Vassallo et (Rik Nru 46/2017) kif jidher fil-kopja vera tas-sentenza annessa u mmarkata bhala Dok A;

(3) Illi din il-kawza giet deciza favur l-esponenti, fejn dan l-Onorabbli Bord ordna l-izgumbrament tal-intimati, kif jidher mis-sentenza mejmuza u mmarkata bhala Dok A;

(4) Illi ghal din is-sentenza ma' kien hemm l-ebda appell, kif jidher ukoll fid-dokument sopracitat immarkat bhala Dok B;

(5) Illi minkejja dan, ghad hemm kontijiet tad-dawl u l-ilma fuq il-fond li sallum ghadhom ma' thallsux, kif jidher mill-kont bilancjali li jammonta ghal €4,236.19, u/jew somma verjuri, liema kont huwa anness u mmarkat bhala Dok C;

(6) Illi fil-mori tal-kawza Rik 46/2017 deciza fis-6 ta' Novembru 2017 li hija mmarkata bhala Dok A giet ceduta talb atar-rikorrenti, liema talba kienet qed titlob illi jithallsu l-kontijiet pendenti tad-dawl u l-ilma marbut mal-uzu tal-fond mill-intimati;

(7) Illi din ic-cessjoni saret minghajr pfregudizzju ghat-talba tal-esponenti;

(8) Illi l-intimati gew interpellati permezz tal-ittra ufficcjali numru 2149/16, intavolata fil-24 ta' Gunju 2016 biex ihallsu dawn il-kontijiet izda huma baqghu inadempjenti u moruzi. Illi din l-ittra ufficjali hija mmarkata bhala Dok D;

(9) Illi l-intimati gew debitament notifikati b'din l-ittra ufficcjali f'Lulju 2016;

(10) Illi din il-kawza giet intavolata quddiem dan l-Onorabbli Bord inkluz skont l-artikolu 1525 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitolbu lil dan il-Bord sabiex jaqta' u jiddeciedi billi:

1) Jiddikjara lill-intimati solidalment responsabbli sabiex ihallsu l-kontijiet tad-dawl u l-ilma fuq il-fond 4 gia 121, Our Lady of Sorrows Street, Hamrun u jordna u jikkundanna lill-intimati solidalment sabiex ihallsu l-kontijiet kollha tad-dawl u l-ilma, liema kontijiet jammontaw ghas-somma bilancjali ta' Eur 4,236.19 u/jew somma ohra verjuri, u dan fi zmien qasir u perentorju prefiss minn dan il-Bord.

Bl-ispejjez kontra l-intimati u bl-imghax legali mid-data tal-ittra ufficjali datata l-24 ta' Gunju 2016 sad-data tal-pagament effettiv.

Ra r-Risposta tal-intimata Maria Theresa Tabone li permezz taghha eccepiet:

1. Illi preliminarjament in-nuqqas ta' kompetenza ratione materie ta' dan il-Bord stante li t-talba hija sempliciment talba ghal-hlas t'allegat ammont minghajr relazzjoni ta' kirja. Fi kliem ir-rikorrenti stess, l-intimata qeghda (haga kontestata) tirrisjedi fil-fond inkwistjoni minghajr titolu. Wara kollox, diga' hemm sentenza ta' dan il-Bord li ordna l-izgumbrament ukoll tal-intimata u ghalhekk zgur li l-intimata m'hijiex qeghda

teccepixxi titolu ta' kera. Dan lanqas kien sehh fil-proceduri anterjuri rigwardanti l-izgumbrament.

2. Illi preliminarjament ukoll ir-rikorrenti jridu jippruvaw li hallsu l-ispejjez relevanti wara c-cessjoni minnhom tat-talbiet enumerati 4, 5 u 6 tal-proceduri fl-istess ismijiet bin-numru 46/17 decizi minn dan il-Bord kif presjedut fis-6 ta' Novembru 2017, qabel il-ftuh ta' dawn il-proceduri a tenur tal-artikolu 907(2) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.
3. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju wkoll in-nuqqas ta' interess guridiku tar-rikorrenti ghall-allegata somma, ghaliex fin-nuqqas ta' prova lir-rikorrenti gew surrogati fid-drittijiet tas-socjeta' ARMS Limited, hija dik is-socjeta' biss li tista' tirriklama dan l-allegat ammont.
4. Illi preliminarjament ukoll, l-esponent m'hijiex il-legittimu kuntradittur f'dawn il-proceduri.
5. Illi fil-mertu, l-esponenti ilha li telqet mill-fond inkwistjoni zmien twil ilu, circa ghoxrin sena ilu u ghalhekk ma tahti ghall-ebda konsum ta' dawl jew ilma.
6. Illi l-esponenti m'ghandha taghti l-ebda ammont, fl-aghar ipotezi dawn ghandhom jithallsu minn min utilizza servizz.
7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Ra li l-intimati Jesmond Vassallo u Mark Vassallo, debitament notifikati bir-Rikors promotur bil-procedura tal-affissjoni u l-publikazzjoni, ma pprezentawx Risposta u lanqas dehru biex jikkontestaw il-kawza jew ressqu sottomissjonijiet finali, minkejja li nghataw dritt u zmien biex jaghmlu dan.

Ra s-sentenza preliminari moghtija minn dan il-Bord kif presjedut fis-26 ta' Gunju 2019[1] li permezz taghha giet michuda l-ewwel eccezzjoni ta' nuqqas ta' kompetenza sollevata mill-intimata Maria Therese Tabone.

Ra l-atti u d-dokumenti pprezentati.

Sema' lix-xhieda mressqa mill-partijiet.

Ra l-atti tal-kawza fl-istess ismijiet (Rik. 46/2017JD) (« L-Ewwel Kawza ») deciza minn dan il-Bord kif presjedut bis-sentenza tas-6 ta' Novembru 2017, li ghaddiet f'gudikat.

Ra s-sottomissjonijiet finali tal-intimata Maria Therese Tabone.

Ra li r-rikorrenti strahu fuq l-atti tal-kawza u ma ghamlux sottomissjonijiet finali.

[1] Fol. 75 sa 82

**Ikkunsidra li:**

Din hija kawza li r-rikorrenti qed jipprosegwu kontra l-eredi ta' Alfred Vassallo u Emma Vassallo, li kienu l-inkwilini tal-fond tar-rikorrenti 4 (qabel 121, Triq id-Duluri, Hamrun, minn qabel l-1 ta' Gunju 1995. Bis-sentenza ta' dan il-Bord, kif presjedut, moghtija fl-Ewwel Kawza fis-6 ta' Novembru 2017, u li ghaddiet f'gudikat, l-intimati kienu kundannati jivvakaw minn dan il-fond u jirrilaxxjawh battal favur ir-rikorrenti, minhabba li ma kellhomx titolu jew jedd biex jibqghu jokkupawh. F'dik l-Ewwel Kawza, ir-rikorrenti kienu originarjament talbu kundanni kontra l-intimati fir-rigward tal-arretrati u r-registrazzjoni tas-servizzi tad-dawl u l-ilma fil-fond imsemmi, liema talbiet pero' kienu rtirati fl-ahhar udjenza tas-6 ta' Novembru 2017 mir-rikorrenti stess, li pero' zammew fermi u impregudikati d-drittijiet taghhom fir-rigward.[2]

F'din il-kawza, l-unika talba li qed iressqu r-rikorrenti kontra l-intimati hija biex dawn jigu dikjarati solidalment responsabbli biex ihallsu l-kontijiet tad-dawl u l-ilma fuq il-fond imsemmi, fil-Hamrun, u biex jikkundannahom ihallsu dawk il-kontijiet fi zmien li jipprefiggilhom ghal dan l-iskop.

M'hemmx kwistjoni li ghalkemm l-intimati Jesmond Vassallo u Mark Vassallo ma ressqux Risposta, u ma ppartecipawx bis-sottomissjonijiet fil-kawza, xorta wahda l-kontumacja taghhom ghandha titqies li tikkostitwixxi kontestazzjoni b'mod shih u ghal kollox tat-talba tar-rikorrenti in kwantu diretta kontra taghhom[3].

Min-naha taghha, bit-tieni eccezzjoni[4] taghha l-intimata Maria Theresa Tabone eccepiet li r-rikorrenti kellhom jippruvaw li hallsu l-ispejjez dovuti minnhom skond is-sentenza ta' dan il-Bord fl-Ewwel Kawza moghtija fis-6 ta' Novembru 2017, wara li huma minn jeddhom cedew ir-raba', il-hames u s-sitt talbiet li kienu originarjament ressqu fl-Ewwel Kawza, liema hlas kellu jsir qabel ma jintavolaw dawn il-proceduri odjerni fit-termini tal-**art. 907(2)** tal-Kap. 12.

---

[2] Ara fol. 78 tal-atti tal-Ewwel Kawza allegati mal-atti ta' din il-kawza

[3] '"*Illi, kif gie deciz minn dawn il-Qrati ghadd ta' drabi, il-kontumacja m'ghandhiex titqies bhala stqarrija jew ammissjoni min-naha talimharrek ghal dak li jkun qieghed jintalab jew jiāi allegat kontrih millparti attrici: ghall-kuntrarju, il-kontumacja tqieset bhala kontestazzjoni, u l-bdil li sar fil-ligi procedurali fl-artikolu 158 bl-Att XXIV tal-1995 jidher li jtenni din il-fehma." (Helen Miceli v. Charles Pisani, Prim'Awla, 28.10.2004)'* citata b'approvazzjoni fis-sentenza **Nicolai Magrin vs Marie Gabrielle Magrin**, Appell, 24.11.2017.

[4] Fol. 16

Dwar din l-eccezzjoni, ir-rikorrenti la ressqu provi u lanqas sottomissjonijiet.

**Ikkunsidra wkoll li :**

Il-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12), fit-Titolu dwar id-Dezerzjoni **(art. 906** *et seq.*) jipprovdi kif gej dwar ir-rinunzja ta' atti gudizzjarji u l-konsegwenza taghha ghar-rigward tat-tressiq mill-gid ta' dawk l-atti :

> *Ħlas tal-ispejjeż qabel ma terġa' tinġieb l' quddiem l-azzjoni.*
> **907.** (1) Ir-rinunzja ġġib l-istess effetti tad-deżerzjoni.
> (2) Il-parti li tirrinunzja għall-atti għandha tħallas l-ispejjeż tal-kawża u **hija ma tistax tibda kawża oħra għall-istess ħaġa, qabel ma tkun fil-fatt ħallset dawk l-ispejjeż lill-parti l-oħra**.[5]

Dan il-Bord ha konjizzjoni tat-taxxa tal-ispejjez mahruga mir-Registratur tal-Qorti ghar-rigward tal-Ewwel Kawza, kif tirrizulta mill-istess atti, u ghalkemm mad-daqqa t'ghajn jidher li l-ispejjez dovuti mir-rikorrenti lill-intimata Tabone ghar-rigward tat-talbiet li kienu rtiraw fil-kors tal-Ewwel Kawza huma verament minimi, dan il-Bord ghandu l-obbligu li jara li l-ligi kif miktuba tigi osservata. Kif sottomess mill-intimata Tabone, kien jinkombi fuq ir-rikorrenti li jressqu l-provi li hallsu dawn l-ispejjez tal-Ewwel Kawza, dovuti minnhom, u din il-prova baqghu ma ressquhiex minkejja li l-eccezzjoni inghatat fi stadju verament bikri tal-kawza, fir-Risposta ghar-Rikors promotur, u baqghet mizmuma ferma ghal tul il-proceduri kollha tant li saru sottomissjonijiet dettaljati fir-rigward minn din l-intimata nke fl-ahhar stadju ta' din il-kawza.

Ghall-kompletezza, dan il-Bord iqis li r-rikorrenti ma ghandhomx raguni tajba biex jippretendu li l-ispejjez gudizzjarji dovuti minnhom wara li rtiraw dawk it-talbiet fl-Ewwel Kawza gew saldati bi tpacija mal-kreditu mertu ta' din il-kawza. Minghajr ma jidhol fil-kwistjoni tal-interess guridiku tar-rikorrenti fit-talba proposta minnhom, liema kwistjoni tifforma l-mertu tat-tielet eccezzjoni mressqa mill-intimata Tabone, dan il-Bord iqis biss f'dan l-istadju li r-rikorrenti mhumiex jippretendu jew jitolbu dikjarazzjoni li l-kreditu mertu ta' din l-azzjoni huwa dovut lilhom mill-intimati. Ghall-kuntrarju, huma qed jitolbu li dan il-Bord jikkundanna lill-intimati jhallsu dak il-kreditu lil terz (ARMS Limited), liema talba allura necessarjament tfisser li r-rikorrenti jirrikonoxxu li l-kreditu mhux taghhom, imma ta' terz.

Filwaqt li dan il-Bord, fuq bilanc ta' probabiltajiet, huwa konvint li r-rikorrenti sal-lum naqsu li jhallsu l-ispejjez gudizzjarji dovuti minnhom lill-intimata Tabone wara l-gudikat fl-Ewwel Kawza, ma jaqbilx li dan il-fatt ghandu, fic-cirkostanzi tal-kaz prezenti, jwassal

---

[5] Enfasi tal-Bord

sabiex ma jqisx it-talba taghhom, u jiddisponi mill-azzjoni. Ghar-ragunijiet ga spjegati minnu[6] fis-sentenza preliminari **Saviour Vella vs Angelo Bugeja et** (Rik. Gur. Nru. 151/18JD) moghtija fl-14 ta' Frar 2019, dan il-Bord jidhirlu li ghandu jieqaf milli jiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din il-kawza qabel ma r-rikorrenti jippruvaw li hallsu l-ispejjez gudizzarji dovuti minnhom wara l-Ewwel Kawza.

**Decide**

Ghar-ragunijiet fuq moghtija, dan il-Bord qieghed jilqa' t-tieni eccezzjoni tal-intimata Maria Therese Tabone u jiddifferixxi din il-kawza sine die, b'dan li ma tergax titqieghed fuq il-lista ghas-smigh qabel ma r-rikorrenti juru li hallsu lill-intimata Tabone l-ispejjez dovuti minnhom wara li rtiraw ir-raba', hames u sitt talbiet taghhom fil-kawza fl-ismijiet **Monica Magro et vs Jesmond Vassallo et** (Rik. Gur. Nru. 46/2017JD) quddiem dan il-Bord, kif presjedut.

L-ispejjez tat-tieni eccezzjoni mressqa mill-intimata Tabone f'din il-kawza jithallsu mir-rikorrenti.

**Dr Josette Demicoli**

**Magistrat**

**Cora Azzopardi**

**Deputat Registratur**

[6] B'mod partikolari dak deciz mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza **Anna Ellul vs Anthony Caruana et** (GCD), 19.2.2008, mhux appellata